MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Numru. 33/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Elvin Grech ta' 35 sena bin Saverio u Paola nee' Zammit, imwieled Victoria (Ghawdex) fil-5 ta' Jannar 1978, residenti f'60, Triq San Girgor, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta ta'l-identita 2478(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Elvin Grech akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Frar 2007, gewwa l-Ufficini tal-MEPA fir-Rabat, Ghawdex, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Semghet il-provi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tad-09 ta' April 2007 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat bir-reat tal-falsifikazzjoni u tal-uzu tad-dokumenti iffalsifikati.

Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Galea" deciza 17 October 1997:
"***Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz***

***ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …***"

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti qed taghmel referenza ghal dina l-gurisprudenza billi f'dana l-kaz il-falsita' fid-dokument saret permezz ta' mezzi elettronici u cioe' permezz tas-sistema maghrufa bhala *scanning* u mhux b'kitba bl-idejn.

Illi l-mertu ta' dina l-kawza jikkoncerna ittra datata 14 ta' Frar 2007, li tidher iffirmata mill-Inginier Ronald Vella ghan-nom tal-Gozo Football Association mibghuta lill-Awtorita dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u dana in konnessjoni ma' permess ghal istallazzjoni ta' *floodlights* ghal grownd tal-futbol tax-Xewkija, Ghawdex.[1] Il-kwistjoni dwar dawn il-*floodlights* bdiet meta dawn id-dwal twahhlu fuq in-naha ta' barra tal-istadium, minflok kif originarjament permess fuq in-naha ta' gewwa. Dina l-bidla fil-posizzjoni ta' istallazzjoni ta' dawn id-dwal sehh peress illi allegatament kien hemm reklam tal-Go Mobile li kien ser jitghatta bil-pilastri ta' dawn id-dwal. Izda l-Assocjazzjoni ma kinitx giet moghtija permess sabiex dawn jitwahhlu fuq in-naha tat-triq. Jidher illi dawn id-dwal, madanakollu, xortawahda twahhlu fuq in-naha ta' barra u kwindi l-Assocjazzjoni kienet qed tipprova tikseb is-sanzjoni ghal dina l-bidla mill-Awtorita'. Kien ghalhekk illi l-Inginier Ronald Vella, li kien

[1] Ittra esebieta Dokument EG4 a fol.15

qed jiehu hsieb dana l-progett, intalab jaghmel ittra fejn huwa kellu jelenka rakkomandazzjonijiet minn naha tieghu'l ghala dawn id-dwal kellhom jibqghu imwahhla fuq in-naha tat-triq u mhux gewwa fl-istadium. Ghalhekk intbaghtet l-ittra in kwistjoni li wasslet fl-ufficcini tal-MEPA f'Ghawdex fl-20 ta' Frar 2007. L-Awtorita' baghtet *acknowledgment* lill-Inginier ta' dina l-ittra li mal-ewwel innota illi fid-data indikata huwa ma kien baghat l-ebda ittra lill-Awtorita. Ghalhekk mar fl-ufficcju tal-Awtorita' sabiex jara dina l-ittra u hawn mall-ewwel innota illi dina l-ittra kienet falza ghaliex huwa qatt ma kien la kiteb u wisq anqas iffirma l-istess ittra. Jghid illi huwa ma kienx accetta anzi li tintbaghat tali ittra billi huwa ma kienx jaqbel mal-kontenut tal-istess. Ghalhekk huwa ghamel rapport lill-Pulizija u hawnwhekk skattat investigazzjoni li wasslet ghal proceduri odjerni.

Illi fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti l-Inginier Ronald Vella jikkonferma illi huwa kien gie nkarigat mill-Gozo Football Association sabiex jaghmel pjanta ghar-rigward tal-ground tal-futbol tax-Xewkija u l-*lighting system* ghall-istess ground. Skond id-disinji tieghu kellhom jitwahhlu zewg *floodlights* fuq in-naha ta' gewwa tal-grownd man-naha tat-triq li tiehu lejn ir-Rabat u tnejn ohra fuq quddiem tal-ground. Jghid illi kien twahhal reklam tal-Go Mobile li ha l-post ta' fejn kellu jitwahhal wiehed mill-arbli ta' dawn id-dwal. Jghid illi l-Assocjazzjoni ghalhekk iddecidiet li l-arbli jitwahhlu fuq in-naha ta' barra mat-triq. Fil-fatt ix-xoghol sar, izda wara hu kien gie nfurmat li kien hemm bzonn illi huwa jaghmel ittra sabiex jaghti raguni lil MEPA 'il ghala l-arbli twahhlu barra l-ground fuq il-bankina. Ghalhekk huwa hejja ittra fejn spjega illi dawn l-arbli saru skond ir-regolamenti tal-FIFA, izda meta rega' mar Ghawdex, gie nfurmat illi dina l-ittra ma kinitx giet accettata mill-Awtorita u gie mitlub jaghmel dikjarazzjoni li huwa ma setax jaqbel maghha peress illi fil-fehma tieghu r-ragunijiet migjuba fiha ma kinux teknikament validi u ghalhekk dina irrifjuta li jiffirmaha. "**Fiha hemm ir-ragunijiet il ghala l-arbli gew fuq barra kif ghidt, liema ragunijiet jiena teknikament zgur ma nista' qatt naqbel maghha ghaliex dawn saru semplicement sabiex jahbu il-verita u cioe' ir-raguni vera li kienet illi l-arbli**

**gew fuq barra minhabba illi kien hemm is-sign tal-Go Mobile**.” Jghid illi xi zmien wara huwa rcieva acknowledgment minghand il-MEPA ghar-rigward ta’ ittra li huwa qatt ma kien baghat. Huwa jinnega illi dina l-ittra kienet giet mghoddija lilu sabiex jiffirmaha. Vella ighid: “**Nghid illi ghar-rigward tal-kwistjoni tal-floodlights, jiena kont niddiskuti u niddillja biss ma’ l-imputat Elvin Grech**. … **Kien is-sur Grech fil-fatt illi kien talabni li naghti dawn ir-ragunijiet ghaliex kif diga xehedt jiena kont niddilja mieghu biss … Lil President ta’ l-Assocjazzjoni jiena ma kellimtux fuq dana il-kaz, la qabel waqt li kien ghaddej il-progett u lanqas wara li jiena kont ghamilt dana ir-rapport lill-pulizija.**”[2]

Illi minn investigazzjonijiet li saru mill-pulizija irrizulta illi apparti l-imputat, li kien jokkupa l-kariga ta’ segretarju tal-Assocjazzjoni, kien impjegat certu Philip Pisani bhala assistant segretarju. Dana Philip Pisani jixhed u jghid illi huwa kien jaghmel xoghol klerikali. Jikkonferma illi huwa wkoll kien gie mitkellem mill-pulizija in konnessjoni ma’ dana l-kaz flimkien mal-imputat u li qabel ma kien gie hekk mitkellem huwa kien mar mal-imputat ikellem avukat. Jghid illi huma kienu l-ewwel kellmu lil Dr. Joseph Grech u wara lil Dr. Anton Refalo. Jghid: “**Jiena sirt naf fuq dina l-kwistjoni qabel ma fil-fatt kellimni l-Ispettur Gafa’. Nghid illi xi ftit qabel kien cempilli Elvin Grech fuq il-post tax-xoghol tieghi u kien talabni sabiex ninzel urgenti fl-ufficcju ta’ l-assocjazzjoni. … Dan kien infurmani illi l-Inginier Vella kien ser idahhalna f’xebgha inkwiet ghaliex kien qed jallega illi kien hemm xi firma falsifikata fuq ittra illi allegatament kien kiteb hu. Dan Elvin Grech kien qalli li kien qed iwahhal jew fija jew fih.**”[3] Huwa jghid illi l-imputat kien ghaddielu ittra li kienet parti ittajpjatha u parti miktuba bl-idejn u talbu biex jittajpjaha pulita u wara jghaddihielu u qallu li l-Inginier kien qallu sabiex jaghmilha hu ghax ma kellux hin jiktibha. Jghid illi hu hekk ghamel. Kif lestieha huwa ipprintja l-ittra u poggieha fuq l-iskrivanija tal-imputat fl-ufficcju tieghu peress illi f’dak il-hin l-imputat ma kienx

---

[2] Ara xhieda ta’l-Inginier Vella a fol.23
[3] Ara xhieda a fol.89

hemm. Huwa lesta mix-xoghol u telaq lejn id-dar u ma jafx x'sar iktar minn dina l-ittra. Ghalkemm jikkonferma illi l-ittra ittajpjaha hu, izda jichad illi l-firma ghamilha hu jew li jaf kif saret. Ix-xhud jikkontendi illi meta hu u Grech kienu marru ghand Dr. Refalo, l-avukat kien qallu biex jaghti verzjoni ohra u cioe' illi hu kien iltaqa' mal-Inginier Vella u talbu biex imur jara l-ittra li kienet lesta fuq id-desk tieghu u wara telaq. Izid izda illi din ma kinitx il-verita'. In kontro-ezami, imbaghad, jichad illi l-avukat Refalo kien qallu jghid dana d-diskors. Fil-fatt juri titubanza shiha meta jigi biex ighid ezattament x'kien sehh meta mar fl-ufficcju taz-zewg avukati u wara hafna bdil fil-verzjonijiet fl-ahhar ighid illi lil dawn iz-zewg avukati huwa ma qalilhom xejn u kien halla kollox f'idejn l-imputat. Illi d-difiza ippruvat taghmel *character assasination* ta' dana x-xhud billi tohrog b'diversi allegazzjonijiet fosthom illi kien jircevi xi hlasijiet hu personalment ghar-rigward ta' reklamar fil-magazine tal-Assocjazzjoni, illi huwa kien involut mat-tfajla tieghu mill-Cameroon f'xi kaz mal-pulizija gewwa Sqallija, illi huwa kellu l-vizzju jhassar zbalji fuq dokumenti tal-Assocjazzjoni bit-Tippex, kif ukoll illi kien jaghmel diversi telefonati mill-ufficcju tal-Assocjazzjoni fil-hin ta' bil-lejl lejn il-Cameroon fejn kien hemm it-tfajla tieghu[4]. Illi ghalkemm isiru diversi allegazzjonijiet, ma jidhirx madanakollu illi l-Assocjazzjoni qatt ghamlet xi rapport lill-pulizija in konnessjoni mal-istess ghalkemm jidher illi Pisani gie mkecci mill-assocjazzjoni wara li inqala' dana il-kaz.

Illi mix-xhieda tal-PS266 Stefan Decelis addett mac-Cyber Crime Unit jirrizulta illi ghalkemm l-ittra ma nstabitx fl-original taghha fil-kompjuter elevat mill-ufficcju ta' Philip Pisani madanakollu jidher illi dina giet issejvjatha fi *swap file* u ghalhekk il-kopja li nstabet ma kinitx tikkontjeni l-firma tal-Inginier Vella.

Illi l-Qorti hatret lil-P.L. Juliana Scerri Ferrante bhala espert tal-kalligrafija sabiex tistabilixxi jekk il-firma li tidher fuq l-ittra datata 14 ta' Frar 2007, esebita bhala Dokument EG4 hijiex il-firma awtentika tal-Inginier Ronald Vella u

[4] Ara Dokumenti MM1 sa MM5 a fols.135 sa 150 tal-process. EM3 sa EM9 a fols. 266 sa 304 tal-process. Dokument EcCa fols.177 sa 182

jekk l-istess firma saritx bl-idejn jew b'xi mezz elettroniku. Illi in adempiment tal-inkarigu lilha moghti l-espert kalligrafiku ipprezentat ir-relazzjoni taghha fis-16 ta' Ottubru 2007.[5] Hija ikkonkludiet:

"**Illi l-karatteristici kollha (tal-kitba) qablu (ma dik tal-Inginier Ronald Vella) hlief dik li hija l-iktar important – il-pressjoni. Il-pressjoni tal-kitba ma hiex dik tal-Inginier Ronald Vella, infatti din il-firma probabbilment lanqas biss inkitbet minn awtur izda saret permezz ta' uzu ta' scanner. Dan ifisser illi fl-opinjoni tal-esperta, il-firma ta' Ronald Vella giet ikkuppjata permezz ta' uzu elettroniku, probabbilment scanner**."

Illi abbazi ta' dawn il-konkluzjonijiet, il-Qorti hatret lill-espert Dr. Martin Bajada sabiex jistabilixxi jekk il-firma li tidher fuq l-ittra mertu tal-kawza gietx skannjata. Illi l-espert ipprezenta r-relazzjoni tieghu fl-14 ta' Ottubru 2008 fejn ikkonkluda:

"**Illi l-firma li tinsab fuq id-Dokument EG4, firma fuq il-kliem Ing.R.Vella, hija risultat ta'** ***cut and paste*** **ta' firma mehuda minn fuq dokument iehor. Il-firma wara li giet scanned minn fuq dokument iehor, giet trasferita u printed fuq Dok EG4. Il-printing irrizulta li sar permezz ta'** ***<u>Inkjet Printer</u>*****.[6]**" (sottolinjar tal-Qorti)

Illi l-imputat jirrilaxxja tlett stqarrijiet, meta jigi interrogat mill-pulizija.[7] Dawn l-istqarrijiet huwa jikkonfermhom meta mbaghad jaghti x-xhieda tieghu fil-qorti. L-imputat fix-xhieda tieghu jghid illi kien hu li ddraftja l-ittra u dana fuq suggerimenti li kienu ghaddewlu xi ufficjali tal-MEPA, imbaghad ghadda l-istess ittra lill-assistant segretarju Philip Pisani sabiex jittajpjaha. Jghid illi huwa ta struzzjonijiet lil dana Pisani sabiex ighaddi l-ittra lill-Inginier li kellu jkun Ghawdex aktar tard fil-gurnata, sabiex l-Inginier jiffirma l-ittra. Wara huwa mar lejn id-dar minhabba li martu kienet ma tiflahx hafna. Meta dahal lura fl-ufficcju jghid illi l-ittra sabha lesta u ghalhekk ghamel kopja taghha sabiex din tigi mibghuta lill-Inginier u

[5] Ara Dokument EG19 a fol.52 et seq
[6] Ara rapport Dokument MB a fol.116
[7] Ara stqarrijeit Dokumenti EG5, EG6 u EG7 a fols. 16 sa 21

l-ohra u cioe' l-original kien mar biha huwa personalment fl-ufficcju tal-MEPA.[8] Jghid illi xi jiem wara huwa kien ikkomunika mal-Inginier minhabba xi kwistjoni li kien hemm fuq kont mibghut minnu. Hawnhekk l-Inginier kien infurmah illi kien ghamel rapport lill-pulizija minhabba li kien hemm firma falza tieghu fuq dina l-ittra. L-imputat ighid illi nkwieta meta sema' b'din l-ahbar u baghat ghal Philip Pisani, li ghalkemm ma ammettiex mieghu li kien hu li ffalsifika l-firma, madanakollu qallu li ma kellux ghalfejn jinkwieta ghaliex hu u t-tfajla tieghu kienu diga ghaddew minn problema aghar meta gew arrestati fi Sqallija. L-imputat ighid illi huwa nforma wkoll lill-President ta' dak iz-zmien dwar dina l-allegazzjoni. Meta kien baghat ghalih l-Ispettur Gafa, l-imputat ighid illi qabel ma nizel ikellmu huwa ha parir legali minghand Dr. Joseph Grech. Jghid illi dakinhar flimkien mieghu kien mar ukoll Philip Pisani, izda jiftakar illi l-avukat kien kellem lil Pisani wahdu. Jghid madanakollu illi Pisani qal lill-avukat illi l-ittra huwa kien ghaddieha lill-Inginier Vella sabiex jiffirmaha. L-ghada fuq suggeriment ta' Pisani, l-imputat ighid illi kienu iddeciedew ikellmu avukat iehor. Ghalhekk ghal darb'ohra flimkien, huma kienu marru ghand Dr. Anton Refalo. Jghid illi Dr. Refalo, quddiemu kien stqasieh min kien iffirma l-ittra, u Pisani baqa' jinsisti illi huwa kien ghaddieha lill-Inginier fil-ground u dana iffirmaha.

Billi mir-rapport tal-espert irrizulta illi l-firma tal-Inginier Ronald Vella ma kinitx fl-original, izda kienet scanned, l-imputat ighid illi fl-ufficcju tal-Gozo Football Association kien hemm photocopier/scanner li kienet tinsab fuq xi xkaffar wara d-desk ta' Philip Pisani. Jikkontendi, izda, illi huwa qatt ma kien juza dana l-iscanner u lanqas kien jaf juzaha ghaliex qatt ma kellu bzonn jaghmel dan u ghalhekk ma hax interess sabiex jara kif tahdem. Jichad kategorikament illi l-firma kienet giet scanned minnu. Jghid testwalment:

"**Jiena nichad illi din il-firma li hija skannjata skannjajtha jien. Jiena ma kontx naf illi kienet qed tintbaghat ittra li kellha firma falsifikata b'scanner.**

[8] Ara xhieda ta'l-imputat a fol.154

**Nghid li kieku ma kontx immur biha jiena personali u naghtihielhom by hand fl-ufficcju tal-MEPA.**"[9]
In kontro-ezami huwa jibqa jichad illi kien jaf juza dina l-iscanner, ghalkemm jammetti, meta jigi mistoqsi illi huwa ghandu il-baccellerat fl-IT.

L-imputat ighid illi wara dana l-incident huwa kien ircieva struzzjonijiet mill-President Joe Cordina sabiex ikecci lil Pisani mill-kariga ta' assistent segretarju u ghalhekk huwa kien talbu jirritorna c-cwievet kollha tal-ufficcini kif ukoll il-photocopier\scanner li kienet fil-karozza tieghu u cioe' l-istess scanner li allegatament intuzat f'dana l-kaz. Wara dan huwa gie mitlub jaghmel indagini fuq l-operat ta' dana Pisani u minn hawn gie skopert illi kien hemm bosta irregolaritajiet fix-xoghol ta' Pisani. Fost dawn l-irregolaritajiet huwa jsemmi l-fatt illi Pisani kien jircevi hlas ghal reklamar fil-magazine tal-assocjazzjoni f'ismu personali fejn anke kien baghat ittra lill-benefatturi tal-assocjazzjoni fejn talabhom jindirrizzaw ic-cekkijiet f'ismu.[10] Ighid ukoll illi Pisani kien ammetta maghhom illi kien qed jaghmel diversi telefonati lejn il-Cameroon fejn tirrisjedi t-tfajla tieghu. Dawn kien jaghmilhom tard bil-lejl. Id-difiza esebiet ukoll kontijiet mahrugin mill-Maltacom plc li jindikaw dan.[11]

Illi l-imputat fix-xhieda tieghu ighid: "**Fl-ufficcju tieghi niftakar jiena kelli computer normali u printer inkjet. Fuq il-mejda ta' Philip Pisani niftakar li kellu computer ukoll u kellu printer laser fuq id-desk tieghu. Nghid li wara id-desk ta' Philip kien hemm xkaffar u fuq l-ixkaffar kien hemm photocopier tal-kulur. Din kienet photocopier scanner zghira**." Aktar tard fix-xhieda tieghu huwa jirreferi ghaliha bhala printer\scanner. Illi d-difiza mbaghad esebiet zewg ritratti fejn fid-Dokument EM1 jidher il-printer li kien hemm fl-ufficcju tal-imputat, filwaqt illi fid-Dokument EM2 jidher il-printer/scanner li l-imputat jikkontendi li kienet fuq id-desk ta' Philip Pisani.

---

[9] Ara xhieda ta'l-imputat a fol.156
[10] Ara ittra Dokument MM1 a fol.135
[11] Ara document esebiet a fol.180

Illi d-difiza, imbaghad, tressaq diversi xhieda sabiex jindikaw illi Pisani ma kienx bniedem li wiehed jista' jafdah, kif ukoll rappresentant tal-MEPA u l-Inginier Renzo Curmi li spjegaw l-iter twil sakemm harget il-*compliance certificate* minn naha tal-Awtorita ghall-istallazzjoni tal-*flood lights* fuq in-naha ta' barra tal-istadium.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti fl-atti ma hemmx dubbju illi l-firma li tidher fuq l-ittra tal-14 ta' Frar 2007 indirizzata lill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hija firma li giet scanned u m'hijiex il-firma fl-original tal-Inginier Ronald Vella. Ma hemmx dubbju lanqas illi l-Inginier ma kellu xejn x'jaqsam mal-kontenut ta' dina l-ittra u fil-fatt ighid illi lanqas ma kien jabqel mal-kontenut tal-istess u kien irrifjuta jibghat tali ittra meta gie avvicinat mill-imputat. Illi l-imputat minn naha tieghu jichad kategorikament mhux biss illi huwa iffalsifika l-firma jew kien l-awtur tal-iscanning taghha, izda sahansitra jichad kategorikament illi kien jaf dwar dan meta huwa ikkonsenja dina l-ittra lill-Awtorita tal-Ippjanar. Jikkontendi ghalhekk illi huwa kellu n-nuqqas ta' xjenza dwar il-falsita' ta' dana d-dokument. Illi l-Qorti tistqarr illi lill-imputat ma tistax temmnu u dana ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-imputat jipprova jgieghel lill-Qorti temmen illi dina l-makkinazzjoni saret kollha kemm hi minn Philip Pisani u li hu ma kellu xejn x'jaqsam ma' dina l-kwistjoni. Dana ighidu 'il ghaliex l-ittra giet ittajpjatha minn Pisani, kif jammetti fuq kollox Pisani stess, u li l-iscanner kienet fl-ufficcju ta' Pisani u mhux tieghu u sahansitra huwa lanqas biss jaf juza dina l-iscanner. Illi Elvin Grech ighid illi fl-ufficcju tieghu huwa kellu computer u inkjet printer filwaqt illi l-iscanner kienet fuq xkaffa wara l-iskrivanija ta' Pisani u li Pisani kellu laser printer. Illi Philip Pisani minn naha tieghu ighid: "**Kelli computer fuq id-desk u black laser printer, photocopier u machine cards. Il-printer kien biss jipprintja u ma kienx jaghmel scanning. Kien hemm printer li madanakollu kien jaghmel scanning. Dan kien fl-ufficcju tas-segretarju ta' dak iz-zmien**

**Elvin Grech u cioe' l-imputat**.[12]" Illi kif diga nghad id-difiza tesebixxi zewg ritratti li juru l-printers li kien hemm fl-ufficcini ta' dawn it-tnejn minn nies minn fejn jirrizulta illi l-inkjet printer kien fl-ufficcju tal-imputat. Dana qed jinghad ghaliex mir-rapport tal-espert Dr. Martin Bajada jirrizulta illi l-firma giet ipprintjata permezz ta' **inkjet printer** u mhux laser printer. Illi l-mod kif jahdmu dawn iz-zewg tipi ta' printers hija differenti: "**Inkjet printing creates a digital image by dropping spots of ink onto paper; laser printers produce digital images by scanning a laser beam across photoreceptors**[13]". Illi l-espert hejja zewg ingrandimenti ta' dina l-firma mnejn johrog car id-differenza bejn iz-zewg tipi ta' printing kif imfissra hawn fuq. Illi mbaghad mix-xhieda ta' Keith Vella Muskat, prodott mid-difiza, li ddeskriva l-ambjenti fejn jinsabu l-ufficcini tal-Gozo Football Association, ighid illi l-ufficcju tas-segretarju u cioe' tal-imputat kellu bieb u kien jissakkar u kienu biss l-ambjenti fejn kien joqghod l-assistent segretarju u cioe' Philip Pisani illi kienu accessibbli ghal kulhadd. Dana x-xhud izid ighid ukoll illi l-printer scanner li jidher fir-ritratt Dokument EM2 kien fuq xkaffa fl-ufficcju ta' Pisani u llum dana l-printer ighid li jintuza fil-ground" "Ta' Sannat" u jintuza in konnessjoni mal-line-up tal-players.[14] Dana kollu jwassal lill-Qorti ghal konkluzjoni wahda u cioe' illi l-firma li tidher fuq l-ittra mertu ta' dina l-kawza setghet giet trasferita ghal fuq il-karta fejn inkitbet biss minn fuq il-***printer inkjet*** li hemm fl-ufficcju tal-imputat u mhux minn xi apparat iehor li hemm fl-ufficini tal-Assocjazzjoni u kwindi l-imputat ma jistax jitwemmen meta jghid illi l-iscan u l-printing sar mill-printer ta' Pisani. Illi l-Qorti hadet l-impressjoni illi dawn it-tnejn minn nies u cioe' l-imputat u Philip Pisani jippruvaw iwahhlu f'xulxin sabiex jezimu rwiehom minn kull htija in konnessjoni ma' dana l-kaz. Il-Qorti ma tistax temmen la lil wiehed u lanqas lill-iehor. Dana ghaliex huwa evidenti fix-xhieda taghhom illi qeghdin jitfghu l-htija fuq xulxin meta jippruvaw ighidu illi l-iscanner kien jintuza minn wiehed u mhux mill-iehor. Madanakollu huwa rilevanti mhux biss il-fatt illi l-firma kienet giet skannjata izda wkoll

[12] Ara xhieda in kontro-ezami ta' Philip Pisani a fol.130
[13] http://www.apartmenttherapy.com
[14] Ara xhieda ta' Keith Vella Muskat a fol.250

importanti dak li jikkonkludi l-espert Bajada illi dina l-firma setghet giet ipprintjatha biss permezz ta' ***inkjet printer*** u mhux laser printer, liema printer kien jinsab fl-ufficcju tal-imputat.

2. Illi l-imputat jinnega in kontro-ezami illi huwa kien jikkomunika direttament mal-Inginier Vella u li hu kien jaghmel dak biss illi kienu jghidulu l-President jew l-Ezekuttiv. Jghid illi ghalkemm huwa kien qal lill-Inginier li kellhom bzonn ittra ghall-MEPA izda huwa jghid illi qatt ma qallu x'kellu jkun il-kontenut tal-istess. Madanakollu mbaghad huwa jghid illi kien ha l-izbriga illi jistaqsi x'kellu jkun fiha l-ittra sabiex l-istallazzjoni tal-arbli tigi approvata mill-Awtorita' u jsemmi illi kien kellem lil certu Mark Cini mill-Awtorita li tah istruzzjonijiet x'kellu jkun fiha dina l-ittra. Dana jfisser illi ghalkemm kif ighid l-imputat qatt ma ddiskuta l-ittra mal-Inginier, madanakollu hass illi dina l-ittra seta' jiktibielu hu minghajr konsultazzjoni, abbazi ta' dak li ssugerrielu Cini! Illi jigi rilevat illi dana Mark Cini qatt ma jigi prodott bhala xhud mid-difiza sabiex jikkonferma dak li jikkontendi l-imputat.

3. Fil-fatt l-Inginier Vella, minn naha tieghu, jispjega illi huwa kien ikellem biss lil Elvin Grech fuq dina l-kwistjoni tal-arbli tad-dawl u lil hadd iktar mill-Assocjazzjoni. Fil-fatt ighid illi lanqas lill-President ma kien kellem dwar dan. Huwa jghid illi kien Grech li kien qallu x'kellu jkun fiha l-ittra, izda huwa rrifjuta li jaghmel dak illi qallu Grech u dana ghaliex huwa ma kienx jaqbel bhala fatt illi l-arbli tad-dawl kellhom jitwahhlu fuq in-naha ta' barra tal-ground. Illi ghalkemm l-imputat jichad u jghid illi huwa qatt ma qal lil Vella x'kellu jaghmel u ghamel biss dak li dderigieh l-Ezekuttiv illi jaghmel, madanakollu, imbaghad, ma jressaq lil hadd mill-Ezekuttiv jew lill-President ta' dak iz-zmien sabiex jikkonferma dan kollu. Dana jfisser illi kien l-imputat li kellu nteress illi l-ittra bil-kontenut kif xtaq hu, kellha tigi pprezentata lill-Awtorita' u hadd iktar u kwindi dana jikkonferma illi huwa kellu l-*animus* illi jahseb f'xi mezz sabiex ikun jista' jaghmel dan minghajr ma jkun jenhtieg illi l-Inginier jiffirmalu l-ittra.

4. Illi jirrizulta illi fis-27 ta' Frar 2007, l-imputat kien cempel lill-Inginier Vella sabiex ikellmu dwar xi kont, izda dana kien pretest biss sabiex ikellmu dwar dina l-ittra, u dana ghaliex Vella kien diga mar ghand il-pulizija u

rrapurtah. Fil-fatt jirrizulta illi l-Inginier Vella kien ghamel rapport lill-pulizija fit-23 ta' Frar 2007. Meta jkellmu fuq it-telefon l-imputat ighid lil Vella illi kien xi hadd impjegat mal-Assocjazzjoni illi kien sab l-ittra fuq l-iskrivanija tieghu u hadha l-Awtorita'. Jghid illi dina l-persuna kellha turi l-ittra lilu qabel ma tehodha ghand l-Awtorita' izda peress illi raha iffirmata haseb illi hu kien diga raha u ghalhekk ikkonsenjaha lill-MEPA. Dana jirrizulta min-notamenti illi ha Vella *a tempo vergine* esebiti in atti.(Dokument EG10).[15] Meta jigi nterrogat, imbaghad, l-imputat jaghti verzjoni ohra. Jghid illi wara li ta struzzjonijiet lil Pisani sabiex jittajpjaha l-ittra qallu biex ighaddieha lil Vella ghall-firma. Jidher illi dakinhar Vella kien qieghed fil-ground ghaliex l-imputat ighid illi nizel ikellmu, izda haga tal-iskantament, ma jsemmielu xejn dwar dina l-ittra. Wara dan huwa rega mar lura fl-ufficcju u sab lil Pisani sejjer 'l hemm ghax qallu li ried jinzel Malta. Ghalhekk huwa tefa d-dwal tal-ground u telaq lejn id-dar izda ma dahalx fl-ufficcju biex jara jekk l-ittra kinitx lesta[16] u jaraha biss l-ghada jew il-pitghada fuq il-front desk minn fejn gabarha u kkonsenjaha hu stess il-MEPA xi jiem wara. Meta jixhed fil-Qorti, imbaghad, jaghti verzjoni ohra. Jghid illi wara li ta struzzjonijiet lil Pisani biex jikteb l-ittra, huwa telaq b'urgenza lejn id-dar billi l-mara tieghu kienet ma tiflahx u ried jehodha ghand it-tabib. Jghid illi dakinhar huwa ma regax mar lura hemmhekk peress illi kellu jiehu hsieb lil bintu minhabba li martu kienet marida. Il-Qorti, ghalhekk tistaqsi – liema hi l-verzjoni t-tajba. L-imputat donnu jipprova jirfina l-verzjoni tieghu maz-zmien sabiex igibha aktar kredibbli!

5. Il-Qorti wkoll tqis illi ma kien hemm l-ebda raguni 'l ghala l-imputat u Pisani kellhom imorru jikkonsultaw ma' avukat flimkien meta l-imputat ighid illi ma kellux x'jaqsam mal-firma falsa fuq l-ittra. Tant hu hekk illi l-imputat hass li kellu jcempel lill-Inginier Vella ghal iktar minn darba qabel ma gie interrogat mill-pulizija u sahansitra sar ftehim quddiem l-avukat Refalo x'kellu jinghad lill-pulizija meta jigi interrogat. Il-Qorti tistaqsi allura x'kienet ir-raguni 'l ghala l-imputat kaxkar lil Pisani mieghu ghand l-avukat

---

[15] Ara notamenti a fol.28 u xhieda a fol.24
[16] Ara stqarrija a fol.17

gialadarba dana kien bniedem illi wiehed ma jistax jafdah? Illi matul il-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, l-imputat ipingi stampa illi Pisani kien bniedem li ma tistax torbot fuqu u anke jaghmel allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-istess fosthom illi dana Pisani kien frodist u seraq xi flus tal-Assocjazzjoni. Allura x'kienet ir-raguni 'l ghala ma kixfux mal-pulizija u pponta subajh lejh minflok mar ghand l-avukat mieghu bhallikieku kienu t-tnejn fl-istess borma flimkien! Il-verita kienet wahda u cioe' illi dawn it-tnejn minn nies kienu jafu ben tajjeb illi l-ittra kienet giet maghmula u mibghuta lill-Awtorita' ad isaputa tal-Inginier Vella u li l-firma li kien hemm fuq l-ittra kienet firma skanjatha.

Illi ghalhekk, ghalkemm dina l-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni illi kien l-imputat li skannja l-firma tal-Inginier Vella u li kien ukoll l-imputat li ipprintjaha l-ittra, madanakollu abbazi ta' dawn il-fatti hawn fuq elenkati din il-Qorti tista' tasal ghal konvinciment morali illi l-imputat kien jaf illi l-firma li kien hemm fuq l-ittra mertu tal-kawza ma kinitx dik tal-Inginier Vella. Billi jirrizulta illi l-Inginier Vella ma kienx lest li jiffirma dikjarazzjoni kif xtaq l-imputat u dana sabiex tigi issanata dak illi l-Assocjazzjoni kienet ghamlet minghajr il-permess tal-awtoritajiet ikkoncernati, l-imputat ghalhekk indaga sabiex jara ezattament x'kellu jkun fiha l-ittra lill-Awtorita u mbaghad ippretenda illi l-Inginier Vella jiffirmahielu. Meta dana tal-ahhar ma accettax li jaghmel dan, saret imbaghad l-ittra tal-14 ta' Frar 2007 fejn il-firma tal-Inginier giet skannjata u ipprintjatha u wara dan l-imputat wassal dina l-ittra fl-ufficcju tal-Awtorita tal-Ippjanar gewwa Ghawdex.

Ghaldaqstant ma hemmx dubbju illi fl-20 ta' Frar 2007, meta l-imputat ghamel dan huwa xjentement ghamel uzu minn dokument falz u dana kif previst fl-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Billi ma hemmx prova illi kien l-imputat illi iffalsifika l-ittra in kwistjoni, ghalkemm ma hemmx dubbju illi l-kontenut tal-ittra saret minnu, l-imputat ser jigi illiberat mill-akkuzi l-ohra.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali kwazi nadifa

tal-imputat u kwindi ghandu jigi ttrattat bhala *first time offender* u ghalhekk piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja ghal dana l-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tat-tielet akkuza, tikkundannah ghal perijodu ta' hames xhur prigunerija, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mill-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' erba mija u tmienja u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€448.87).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------